MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 528/2003

Kawza fil-lista: 18

**Kaptan Joseph Magri, Inginier Paul Briffa, Joseph Xuereb, Raymond Vella u Gerald Borg, u b' digriet tas-27 ta' Settembru 2004 interveniet fil-kawza in statu et terminis is-socjeta' Tug Malta Limited**
**Vs**
**Gozo Channel Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi s-socjeta' konvenuta hija l-unika proprjetarja tal-bastiment merkantili "TA PINU", liema bastiment huwa registrat lir-Registru tal-Bastimenti ta' Malta.

U peress illi fl-10 ta' Dicembru 2001, fil-port ta' Marsamxett, meta l-fuq imsemmi bastiment "TA PINU" proprjeta' tas-socjeta' konvenuta kien qieghed iwettaq vjagg kummercjali bil-bahar bejn il-gzira ta' Malta u dik ta' Ghawdex, l-istess bastiment sab ruhu f'periklu car wara illi kienu zvilluppaw xi hsarat u/jew xi malfunzjonijiet fil-makkinarju u apparat abbord, u dana f'kundizzjonijiet qawwija kemm ta' rih kif ukoll ta' bahar.

U peress illi l-perikolu illi kien rinfaccjat bih l-imsemmi bastiment "TA PINU" kien aggravat bil-fatt illi l-bastiment kien ghadu jinsab fil-konfini u fir-restrizzjonijiet tal-port, u filwaqt materjali l-istess bastiment apparti l-ekwipagg tieghu kien qieghed igorr fuqu sew passiggieri kif ukoll karozzi u merkanzija.

U peress illi l-atturi, li kienu jikkostitwixxu l-ekwipagg intier tat-Tug Vessel "LIENI", kienu gew imsejjha urgentement sabiex mill-Port il-Kbir fejn kienu stazzjonati johorgu minnufih sabiex jassistu l-imsemmi bastiment "TA PINU" fid-diffikultajiet serji u mmedjati tieghu.

U peress illi l-atturi fil-fatt irrendew urgentement u b'success servizzi ta' salvatagg a favur tal-bastiment "TA PINU", proprjeta' tas-socjeta konvenuta, u ghalhekk a favur ta' l-istess socjeta' konvenuta, kif jigi muri ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

U peress illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta kienet interpellata mill-atturi, anki ufficjalment, sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni bonarja u hlas tal-ammont xieraq ta' kumpens lilhom dovut ghas-servizzi ta' salvatagg minnhom resi skond il-ligi a favur tas-socjeta' konvenuta fir-rigward tal-bastiment taghha "TA PINU", l-istess socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta' konvenuta hija responsabbli lejn l-atturi ghall-hlas ta' kumpens lilhom dovut ghas-servizzi ta' salvatagg resi a favur ta' l-istess

socjeta’ konvenuta fl-10 ta’ Dicembru 2001 fir-rigward tal-proprjeta’ taghha l-bastiment “TA PINU”;

2. Tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi mis-socjeta’ konvenuta ai termini tad-domanda precedenti, okkorrendo per opera ta’ periti nominandi; u

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-atturi dak il-kumpens hekk likwidat a favur taghhom minn dina l-istess Qorti ai termini tad-domanda precedenti, bl-imghaxijiet legali sal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-8 ta’ Jannar 2003 kontra s-socjeta’ konvenuta illi hija ingunta minn issa stess sabiex tidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi d-dritt ta’ salvatagg ma japplikax ghal kaz odjern billi s-servizzi li naghtaw mill-atturi nghataw fil-kors normali ta’ xogholhom bhala impjegati mas-socjeta’ Tug Malta Ltd u ghalhekk ma hemm ebda relazzjoni guridika ai finijiet tat-talbiet attrici.

2. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talba tal-atturi ghandha tigi michuda billi fl-ebda mument waqt il-kors tal-operazzjoni msemmija mill-atturi ma kienu jissussistu r-rekwiziti fattwali li jikkostitwixxu s-salvatagg.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ intervenuta fil-kawza li biha eccepiet:

Illi l-mertu tal-kawza fl-ismijiet premessi huwa ezawrit kif jirrizulta dettaljatament mir-rikors prezentat mill-eccipjenti nomine li gie dekretat favorevolment minn din l-Onorabbli Qorti fis-27 ta’ Settembru 2004;
Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2004 li biha l-partijiet qabblu li l-meritu tal-kawza jinsab esawrit, salv il-kap ta' l-ispejjez;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti li taw l-lok ghal din il-kawza huma s-segwenti. Fl-10 ta' Dicembru 2001 l-atturi, li kienu jifformaw l-ekwipagg tat-Tug Vessel "Lieni" proprjeta' tas-socjeta' intervenuta Tug Malta Limited, kienu gew imsejjha sabiex mill-Port il-Kbir fejn kienu stazzjonati johorgu minnufih sabiex jassistu l-bastiment "Ta' Pinu" proprjeta' tas-socjeta' konvenuta, li sab ruhh f' diffikultajiet serji u immedjati f' kundizzjonijiet qawwija kemm ta' rih kif ukoll ta' bahar. Jirrizulta li l-operazzjoni kellha success, u permezz ta' l-azzjoni odjerna l-atturi qed jitolbu kumpens ghas-servizzi ta' salvatagg rezi minnhom favur is-socjeta' konvenuta fir-rigward tal-imsemmi bastiment.

Illi saru diskussjonijiet u giet skambjata korrispondenza estensiva bejn is-socjeta' intervenuta u s-socjeta' konvenuta dwar in-natura tal-kumpens dovut kif ukoll dwar l-estensjoni tieghu. Giet skambjata wkoll korrispondenza bejn is-socjeta' intervenuta u l-atturi, u bejn dawn u s-socjeta' konvenuta; izda rrizulta li dawn ma kellhomx esitu posittiv, u fit-8 ta' Jannar 2003 l-atturi interpellaw ufficjalment lis-socjeta' konvenuta sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni ta' kumpens dovut lilhom bhala salvatagg.

Illi b' ittra tat-8 ta' Mejju 2003 is-socjeta' konvenuta tramite l-Avukat taghha informat lill-Avukat ta' l-atturi li "it can only settle matters directly with Tug Malta Ltd. and not with the individual crew members.."[1] Sussegwentement, fit-30 ta' Mejju 2003 l-atturi pprezentaw l-att tac-citazzjoni.

[1] Fol.83

Illi fil-mori tal-kawza, u precisament fit-30 ta' Awissu 2004 intlahaq ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u s-socjeta' intervenuta li permezz tieghu nghata lil din ta' l-ahhar is-somma ta' Lm20,000 kif inizjalment rikjesta, u dana "by way of compensation for services rendered to the vessel "Ta' Pinu" …"[2] Fl-istess ftehim, il-partijiet ippremettew li, filwaqt li Tug Malta ghamlet pretensjoni ghal salvage u filwaqt li s-socjeta' Gozo Channel issostni li ma kienx hemm "salvage service", huma wasslu ghal dan il-ftehim biex jsolvu l-kwistjoni bonarjament.

Illi, ghalkemm dan il-ftehim wassal sabiex jigi esawrit l-mertu tal-kawza odjerna, baqet miftuha l-vertenza dwar il-kap ta' l-ispejjez. Is-socjeta' konvenuta ssostni li hi m'ghandhiex tbati spejjez peress li, tenut kont tal-Ftehim Kollettiv ezistenti bejn Tug Malta u l-impjegati taghha, l-obbligu li tressaq pretensjoni ghal-salvage jaqa' unikament fuq is-socjeta' Tug Malta u mhux fuq l-impjegati taghha wkoll, u ghalhekk l-atturi ma kellhomx dritt li jesperixxu l-azzjoni odjerna li allura saret inutilment.

Illi fir-rikors taghha tat-22 ta' Settembru 2004, is-socjeta' intervenuta ppremettiet li l-operazzjonijiet ta' salvatagg huma regolati fil-Ftehim Kollettiv vigenti li gie ffirmat minn Tug Malta Limited u l-Union Haddiema Maghqudin fl-4 ta' Ottubru 2002 li jiskadi fil-31 ta' Dicembru 2006, u esebiet estratt[3] minn dan il-ftehim li tikkontjeni l-klawsola numru 6[ii] tal-Appendici F. Dwar dan jidher li ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet.

Din il-klawsola taqra hekk: " Ghandha tkun ir-responsabbilita' unika tal-Kumpanija, jekk hemm bzonn b' konsultazzjoni mal-Kaptan jew Kaptana biex jigi deciz jekk ghandhiex issir talba ghal salvatagg u ghandha tkun ir-responsabbilita' wahdanija tal-Kumpanija li tiddecidi li taccetta jew le l-ghotja xieraqa." Il-paragrafu sussegwenti jghid li l-ekwipagg ghandu dritt ghal 25% mis-somma percepita.

[2] Fol.45
[3] Fol.44 *et seq.*

Illi l-atturi jsostnu li, kif jirrizulta kemm mill-korrispondenza skambjata, kif ukoll mix-xhieda u mill-affidavits, huma intavolaw l-azzjoni kontra s-socjeta’ konvenuta, stante li ma kienux qed jinghataw sodisfazzjoni mis-socjeta’ Tug Malta, u inoltre, is-socjeta’ konvenuta kienet qed tirrifjuta li tinnegozja maghhom. Inoltre, it-Tug Malta f’ dak iz-zmien kienet tal-fehma li ma kienx dovut salvagg, ghalkemm kienet qed issir talba ghall-kumpens. Fl-affidavit tieghu l-Kaptan Joseph Magri jghid “… ghar-ragunijiet li tafhom ahjar il-kumpanija Tug Malta f’ dan il-kaz iddecidiet illi ma tipprocedix b’ talba, u ghalhekk ahna l-ekwipagg konna kostretti li nipprocedu ghad-drittijiet taghna direttament u f’ ismimna kontra l-kumpanija konvenuta..”[4]

Illi, ghalkemm mill-provi jirrizulta li s-socjeta’ intervenuta ma kienitx qeda taghti lill-atturi sodisfazzjon ta’ dak li kien qed isir, anzi kienu nghataw x’ jifhmu li t-tahdidiet mas-socjeta’ konvenuta kellhom ezitu negattiv,[5] l-import legali tal-Ftehim Kollettiv fuq indikat ma jistax jigi injorat.

Skond il-klawsola fuq citata, l-atturi tramite l-Union taghhom, qabblu li r-responsabbita’ sabiex [1] jigi deciz <u>jekk issirx talba</u> ghal salvatagg hija <u>unikament</u> tal-Kumpanija [Tug Malta]; u [2] l-istess kumpanija ghandha <u>r-responsabbilita’ wahdanija</u> li tiddecidi jekk taccettax jew le l-ghotja xierqa. Dan ifisser li kemm il-Kaptan kif ukoll l-ekwipagg irrinunzjaw b’ mod univoku, favur il-Kumpanija Tug Malta, ghad-dritt taghhom li jitolbu salvagg u jiddeciedu dwar il-quantum tal-kumpens.

Illi mill-provi ma gietx kontestata l-ezistenza tal-Ftehim Kollettiv, jew li gie b’ xi mod muri li dan ma japplikax ghall-atturi. Di fatti dawn fin-nota ta’ l-osservazzjonijiet taghhom jghidu biss li “l-ebda ftehim kollettiv ma jista’ jservi sabiex icahhad lill-esponenti mid-drittijiet taghhom u mill-aspettattivi taghhom skond il-ligi..”[6] In propositu l-Qorti tosserva li, gjalarba l-atturi, tramite il-Union rappresentattiva taghhom, dahhlu fl-imsemmi ftehim huma marbutin fit-termini tieghu li f’ dan il-kaz ifisser li hija

[4] Fol.19
[5] Vide wkoll: Dep.Kaptan Joseph Magri – 1.02.2005
[6] Fol.119

responsabbilita' unika u wahdanija tat-Tug Malta li tiddecidi jekk issirx talba, u f' kaz affirmattiv, dwar il-kumpens dovut;  u l-atturi ma jistghux jagixxu kontra terz barra mill-parametri ta' dan il-ftehim, salv id-dritt taghhom li jagixxu kontra Tug Malta jekk din tkun naqset mill-obbligi kuntrattwali fil-konfront taghhom.

Kif osservat l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza Joseph Sammuit vs Francis Vassallo [2000][7] ftehim kollettiv bejn kumpanija u l-impjegati taghha johloq relazzjonijiet guridici bilaterali li jorbtu liz-zewg partijiet fit-termini  tieghu. "Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li [ghandha] tipprevali u trid tigi osservata. *Pacta sunt servanda." [App.Civ. Gloria Beacom et vs L-Arkitett Anthony Spiteri Staines deciza 5 ta' Ottubru 1998].*

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-tesi tas-socjeta' konvenuta li, tenut kont tal-Ftehim Kollettiv, hija ma kellhiex, u jista' jizdied ukoll, ma setghax ikollha relazzjoni guridika ma' l-atturi f' dan ir-rigward, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt.

Mill-banda l-ohra pero' din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt rrizultanti car mill-provi li l-atturi ma kienux qed jinghataw sodisfazzjon mit-Tug Malta ta' dak li verament kien qed isir bejnha u bejn is-socjeta' konvenuta, tant li l-ftehim li kien intlahaq mal-konvenuta jidher li sar ad insaputa taghhom u fil-mori tal-kawza. Fil-fehma tal-Qorti dan l-atteggjament negattiv kkontribwixxa sabiex l-attur waslu biex jifthu l-kawza odjerna, u ghalhekk huwa gust li l-ispejjez gudizzjarji tas-socjeta' interventa ghandhom jibqghu a kariku taghha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tiddikjara l-mertu tal-kawza ezawrit u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici; u in kwantu ghall-ispejjez tordna li dawn ghandhom jibqghu a kariku ta' l-atturi, salv dawk relattivi

[7] *Vol.LXXXIV.II.230,*

ghas-socjeta' interventa li ghandhom jibqghu a kariku ta' l-istess socjeta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------